

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 27.4.2010
KUMM(2010)184 finali

2010/0098 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (EURATOM)

**li jistabbilixxi livelli massimi permissibli ta' kontaminazzjoni radjoattiva ta' ikel u għalf
wara inċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika**

(Riformulazzjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Fl-1 ta' April 1987 il-Kummissjoni ddeċidiet¹ li tordna lill-persunal tagħha li kull att leġislattiv għandu jiġi kkodifikat wara mhux iktar minn għaxar emendi, u tenfasizza li din hi kundizzjoni minima u li d-dipartimenti għandhom jippruvaw li jikkodifikaw it-testi li huma responsabbli għalihom anke wara inqas emendi biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet huma ċari u jinfteihu malajr.
2. Il-kodifikazzjoni² tar-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 3954/87 tat-22 ta' Diċembru 1987 li jistabbilixxi livelli massimi permissibli ta' kontaminazzjoni radjoattiva ta' ikel u għalf wara inċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika, Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 944/89 tat-12 ta' April 1989 li jistabbilixxi l-livelli massimi permessi ta' kontaminazzjoni radjoattiva f'oġġetti tal-ikel ta' importanza minuri wara inċident nukleari jew kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika u Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 770/90 tad-29 ta' Marzu 1990 li jistabbilixxi l-livelli massimi permessi ta' kontaminazzjoni radjoattiva f'għalf wara inċident nukleari jew f'xi każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika kienet mibdija mill-Kummissjoni, u l-propost rilevanti ġiet ippreżentata lill-awtorita' leġislattiva³. Ir-Regolament l-ġdid kellu jissupera lill-atti varji inkorporati fih⁴.
3. Waqt il-proċedura leġislattiva, ġie aċċettat li dispożizzjoni li kienet tidher fil-proposta għat-test ikkodifikat tipprevedi riżerva ta' setgħat implementattivi mill-Kunsill li ma kenitx prevista fil-premessi tar-Regolament (Euratom) Nru 3954/87. Wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Mejju 2008 fil-kawża C-133/06, kien jidher neċessarju li jidħol l-att il-ġdid li jissostitwixxi u jħassar dak ir-Regolament sabiex jiġġustifika dik ir-riżerva ta' setgħat implementattivi. Peress li l-introduzzjoni ta' premessa ta' dan it-tip timplika bidla sostanzjali, u tmur 'il hemm minn kodifikazzjoni normali, ġie meqjus neċessarju li l-punt 8⁵ tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 – Metodu ta' Ħidma aċċelerata għall-kodifikazzjoni uffiċjali ta' testi leġislattivi – jiġi applikat, fid-dawl tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar dak il-punt⁶.
4. Skont ir-Regolament (Euratom) Nru 3954/87, il-Kummissjoni, wara li tkun mgħarrfa b'inċident nukleari jew każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika li tista' twassal jew wasslet għal kontaminazzjoni radjoattiva sinifikanti ta' ikel jew għalf, għandha tadotta, jekk xieraq, Regolament li jawtorizza livelli massimi pre-stabbiliti ta' kontaminazzjoni radjoattiva. Il-perjodu ta' validita' ta' regolament bħal dan għandu jkun mill-iqsar possibbli u m'għandu jeċċedi t-tliet xhur. Fi żmien xahar mill-adozzjoni u wara konsultazzjoni mal-esperti, il-Kummissjoni tippreżenta lill-Kunsill proposta għal Regolament biex jadatta jew jikkonferma

¹ COM(87) 868 PV.

² Magħmul skond il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Kodifikazzjoni tal-*Acquis Communautaire*, COM (2001) 645 finali.

³ COM(2007) 302 finali.

⁴ Ara l-Anness IV għal din il-proposta.

⁵ Jekk waqt il-proċess leġislattiv jirriżulta li hemm bżonn li jmorru lil hinn mill-kodifikazzjoni sempliċi u jagħmlu tibdiliet sostantivi, hi r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tissottometti il-proposta(i), fejn hemm bżonn.

⁶

d-dispożizzjonijiet adottati qabel mill-Kummissjoni, partikolarment li jiġu stabbiliti livelli massimi awtorizzati ta' kontaminazzjoni radjoattiva, skont l-Artikolu 31 tat-trattat Euratom, fl-isfond tal-protezzjoni tas-saħħa tal-popolazzjoni. Għalhekk, b'sens ta' urġenza, hu xieraq li l-Kunsill jirriżerva d-dritt li jeżerċita direttament is-setgħa sabiex jadotta dawk il-miżuri aġġustati f'dan il-perjodu ta' qasir żmien. Madankollu, bla ebda ħsara għall-possibbiltà, li fit-tul wara l-inċident nukleari, strumenti legali oħra jew bażi legali oħra tista' tiġi użata sabiex jiġi kkontrollat ikel jew għalf impoġġi fuq is-suq, li għalihom ma tapplikax din i-riżerva ta' setgħat implementattivi.

5. Huwa għalhekk xieraq li l-kodifikazzjoni tar-Regolament (Euratom) Nru 3954/87, ir-Regolament (Euratom) Nru 944/89 u r-Regolament (Euratom) Nru 770/90 tiġi trasformata f' riformulazzjoni sabiex tinkludi l-emenda neċessarja.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (EURATOM)

li jistabbilixxi livelli massimi permissibli ta' kontaminazzjoni radjoattiva ta' ikel u għalf wara ☒ inċident☒ nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika

(Riformulazzjoni)

IL- KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew⁷,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁸,

Billi:

↓ ġdid

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 3954/87 tat-22 ta' Diċembru 1987 li jistabbilixxi livelli massimi permissibli ta' kontaminazzjoni radjoattiva ta' ikel u għalf wara aċċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika⁹ ġie emendat b'mod sostanzjali¹⁰. Peress li jridu jsiru iżjed emendi, l-imsemmi Regolament għandu jiġi riformulat għal iktar ċarezza, flimkien mar-Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 944/89 tat-12 ta' April 1989 li jistabbilixxi l-livelli massimi permessi ta' kontaminazzjoni radjoattiva f'oġġetti tal-ikel ta' importanza minuri wara inċident nukleari jew kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika¹¹ u Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 770/90 tad-29 ta' Marzu 1990 li jistabbilixxi l-livelli

⁷ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁸ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁹ ĠU L 371, 30.12.1987, p. 11.

¹⁰ Ara l-Anness IV.

¹¹ ĠU L 101, 13.4.1989, p. 17.

massimi permessi ta' kontaminazzjoni radjoattiva f'għalf wara inċident nukleari jew f'xi każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika¹².

↓ 3954/87 premessa 1

- (2) L-Artikolu 2(b) tat-Trattat il-Kunsill jistabbilixxi *standards* uniformi ta' sigurtà biex iħarsu s-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali, u biex jassigura li dawn ikunu applikati, kif hemm stabbilit ukoll fit-Titolu Tnejn, Kapitolu III, tat-Trattat.

↓ 3954/87 premessa 2 (adattat)

- (3) Fit-2 ta' Frar 1959, il-Kunsill adotta Direttivi¹³ li jistabbilixxu *standards* bażiċi ta' sigurtà li t-test tagħhom kien sostitwit b'dak tad-Direttiva ☒ tal-Kunsill ☒ 96/29/Euratom tat-13 ta' Mejju 1996 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sigurtà għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti¹⁴ ☒. L-Artikolu ☒ 50(2) ☒ ta' dik id-Direttiva Stati Membri għandhom jistabbilixxu livelli ta' intervent meta jinqala' inċident.

↓ 3954/87 premessa 3

- (4) Wara l-inċident tal-istazzjon tal-enerġija nukleari ta' Chernobyl fis-26 ta' April 1986, kwantità konsiderevoli ta' materjali radjoattivi ħarġet fl-atmosfera, li kkontaminat ikel u għalf f'ħafna pajjiżi Ewropej f'livelli sinifikanti fil-qasam tas-saħħa.

↓ 3954/87 premessa 4 (adattat)

- (5) Ġew adottati miżuri¹⁵ biex jassiguraw li ċerti prodotti agrikoli jidħlu biss fl-Unjoni skond arranġamenti komuni li jħarsu s-saħħa tan-nies waqt li jżommu n-natura unikifikata tas-suq u jevitaw distorsjoni tal-kummerċ.

¹² ĠU L 83, 30.3.1990, p. 78.

¹³ ĠU 11, 20.2.1959, p. 221/59.

¹⁴ ĠU L 159, 29.06.1996, p. 1.

¹⁵ Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1707/86 (ĠU L. 146, tal-31.5.1986, p. 88) (KEE) Nru 3020/86, (ĠU L 280, tal-1.10.1986, p. 79), (KEE) Nru 624/87 (ĠU L 58, tat-28.2.1987, p. 101) u (KEE) Nru 3955/87 (☒ ĠU L 371, 30.12.1987, p. ☒ 14).

↓ 3954/87 premessa 5

- (6) Jeħtieġ li titwaqqaf sistema li tippermetti lill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, wara inċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika li jista' jwassal jew li jkun wassal għal kontaminazzjoni radjoattiva sinifikanti ta' ikel u għalf, li tistabbilixxi livelli massimi permissibli ta' kontaminazzjoni radjoattiva għall-ħarsien tan-nies.

↓ 3954/87 premessa 6 (adattat)

- (7) Il-Kummissjoni ☒ għandha ☒ tkun mgħarrfa b'inċident nukleari jew b'livelli għolja mhux tas-soltu ta' radjoattività permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 1987 ☒ (87/600/Euratom) ☒ tal-14 ta' Diċembru 1987 dwar arranġamenti tal-Komunità għal bdil malajr ta' informazzjoni f'każ ta' emerġenza radjoloġika ☒¹⁶ ☒, jew permezz tal-Konvenzjoni ☒ IAEA ☒ dwar notifika malajr ta' inċident nukleari tas-26 ta' Settembru 1986.

↓ 3954/87 premessa 7

- (8) Il-Kummissjoni għandha tadotta minnufih, jekk ikun meħtieġ skond iċ-ċirkostanzi, Regolament li jagħmel applikabbli livelli massimi permissibbli stabbiliti minn qabel.

↓ 3954/87 premessa 8 (adattat)

- (9) Skond informazzjoni disponibbli fil-qasam tal-protezzjoni mir-radjazzjoni, livelli derivati ta' referenza kienu ġew stabbiliti u dawn ☒ il-livelli ☒ jistgħu jintużaw bħala bażi biex ikunu stabbiliti livelli massimi permissibli ta' kontaminazzjoni radjoattiva li għandhom ikunu applikati minnufih wara inċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika li jista' jwassal jew li jkun wassal għal kontaminazzjoni radjoattiva sinifikanti ta' ikel u għalf.

↓ 3954/87 premessa 9

- (10) Dawn il-livelli massimi permissibbli iqisu kif imiss il-pariri xjentifiċi l-iktar riċenti li jkun hemm fil-mument fuq livell internazzjonali, waqt li jirriflettu l-ħtieġa li jserrħu moħħ il-pubbliku u jevitaw li jkun hemm diverġenzi fil-prattika regolatorja internazzjonali.

¹⁶ ☒ ĠU L 371, 30.12.1987, p. ☒ 76.

↓ 3954/87 premessa 10

- (11) Iżda, huwa meħtieġ li jitqiesu kif imiss il-kondizzjonijiet partikolari li japplikaw u, għalhekk, li tkun stabbilita proċedura li tippermetti li jkun hemm addattament malajr ta' dawn il-livelli stabbiliti minn qabel għal livelli massimi permissibbli li jkunu xierqa fiċ-ċirkostanzi ta' inċident nukleari partikolari jew ta' kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika li jista' jwassal jew li jkun wassal għal kontaminazzjoni radjoattiva sinifikanti ta' ikel jew għalf.

↓ 3954/87 premessa 11 (adattat)

- (12) Regolament li jagħmel applikabbli livelli massimi permissibbli għandu jżomm ukoll l-għaqda tas-Suq ☒ Intern ☒ u jevita ☒ distorsjoni tal-kummerċ☒ fil-Komunità.

↓ 3954/87 premessa 12

- (13) Sabiex jeħfief l-addattament ta' livelli massimi permissibbli, għandu jkun hemm proċeduri li bihom tkun tista' ssir konsultazzjoni ma' esperti, inkluż il-Grupp ta' Esperti msemmi fl-Artikolu 31 tat-Trattat.

↓ 944/89 premessa 3

- (14) Oġġetti tal-ikel li għandhom jiġu kkunsidrati ta' importanza minuri, huma dawk ta' importanza minuri fid-dieta li jagħtu biss kontribut marġinali lill-konsum tal-ikel tal-popolazzjoni.

↓ ġdid

- (15) Hu xieraq li l-Kunsill jirriżerva d-dritt li jeherċita direttament is-setgħa li jadotta Regolament sabiex jappoġġa fi żmien utli l-miżuri proposti mill-Kummissjoni fl-ewwel xahar mill-inċident nukleari jew emerġenza radjoloġika. Il-proposta rilevanti għall-adozzjoni jew konferma tad-dispożizzjonijiet imniżżla fir-regolament adottat mill-Kummissjoni, partikolarment li jiġu stabbiliti livelli massimi permissibbli ta' kontaminazzjoni radjoattiva, għandhom ikunu bbażati fuq l-Artikolu 31 tat-Trattat, għall-protezzjoni tas-saħħa tal-popolazzjoni. Dan bla ħsara għall-possibbiltà li fit-tul wara l-inċident jew emerġenza radjoloġika strumenti legali oħra jistgħu jiġu użati sabiex jiġi kkontrollat ikel jew għalf impoġġi fuq is-suq.

- (16) Il-konformita' mal-livelli massimi permissibbli għandu jkun verifikat kif jixraq.

(17) Fil-każ li l-Kummissjoni tirċievi - partikolarment skond l-arranġamenti tal-Komunità għal bdil malajr ta' informazzjoni fil-każ ta' emerġenza radjoloġika jew skond il-Konvenzjoni IAEA tas-26 ta' Settembru, 1986, dwar notifika malajr ta' inċident nukleari - informazzjoni uffiċjali dwar inċidenti jew kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika, li turi li l-livelli massimi permissibbli stabbiliti fl-Anness I jistgħu jintlaħqu jew li jkunu ntlaħqu, hija għandha tadotta minnufih, jekk ikun meħtieġ fiċ-ċirkostanzi, Regolament li jagħmlu applikabbli dawk il-livelli massimi permissibbli.

↓ 3954/87

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament jistabblixxi l-proċedura biex jitqiesu l-livelli massimi permissibbli ta' kontaminazzjoni radjoattiva ta' ikel u għalf li jistgħu jitqiegħdu fis-suq wara inċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika li jista' jwassal jew li jkun wassal għal kontaminazzjoni radjoattiva sinifikanti ta' ikel u għalf.

↓ 3954/87 (adattat)

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament ☒ għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin: ☒

- (a) «oġġetti tal-ikel» tfisser prodotti li jistgħu jittiekl mill-bniedem minnufih jew wara pproċessar;
- (b) «għalf» tfisser prodotti li jistgħu jittiekl biss mill-annimali.

Artikolu 2

1. Fil-każ li l-Kummissjoni tirċievi - partikolarment skond l-arranġamenti tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika għal bdil malajr ta' informazzjoni fil-każ ta' emerġenza radjoloġika jew skond il-Konvenzjoni IAEA tas-26 ta' Settembru 1986, dwar notifika malajr ta' inċident nukleari - informazzjoni uffiċjali dwar inċidenti jew kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika, li turi li l-livelli massimi permissibbli ☒ għall-ikel stabbiliti ☒ f'Anness I jew il-livelli massimi permissibbli għall-għalf stabbiliti fl-Anness III, jistgħu jintlaħqu jew li jkunu ntlaħqu, hija għandha tadotta minnufih, jekk ikun meħtieġ fiċ-ċirkostanzi, Regolament li jagħmlu applikabbli dawk il-livelli massimi permissibbli.

↓ 3954/87

2. It-terminu ta' validità ta' kull Regolament skond it-tifsira tal-paragrafu 1 għandhu jkun qasir kemm jista' jkun u m'għandux jaqbeż it-tliet xhur, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 3(4).

Artikolu 3

↓ 3954/87 (adattat)

1. Wara konsultazzjoni ma' esperti, li għandha tinkludi l-Grupp ta' Esperti ☒ imsemmi ☒ l-Artikolu 31 ☒ tat-Trattat, minn hawn iżjed 'il quddiem "Grupp ta' Esperti" ☒, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Kunsill proposta għal Regolament biex jadatta jew jikkonferma d-disposizzjonijiet tar-Regolament imsemmi fl-Artikolu 2(1) ☒ ta' dan ir-Regolament ☒ fi żmien xahar mill-adozzjoni tiegħu.

2. Meta tibgħat il-proposta għar-Regolament imsemmi fil-paragrafu 1, ☒ il-Kummissjoni għandha ☒ tqis l-*istandards* bażiċi stabbiliti skond l-Artikoli 30 u 31 tat-Trattat, inkluż il-prinċipju li l-esposizzjonijiet kollha għandhom jinżammu raġonevolment baxxi kemm jista' jkun, billi tqis l-aspett tal-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali u fatturi ekonomiċi u soċjali.

↓ 3954/87

3. Il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni b'maġġoranza kwalifikata dwar il-proposta għal Regolament imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 fit-terminu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 2(2).

↓ 3954/87

4. Fil-każ li l-Kunsill ma jiddeċidix f'dak it-terminu ta' żmien, il-livelli stabbiliti f'Annessi I u III għandhom jibqgħu japplikaw sakemm il-Kunsill jiddeċiedi jew sakemm il-Kummissjoni tirtira l-proposta tagħha għax il-kondizzjonijiet kif stabbiliti fl-Artikolu 2(1) ma jkunux aktar japplikaw.

↓ 3954/87

Artikolu 4

Il-terminu ta' validità ta' kull Regolament skond it-tifsira tal-Artikolu 3 għandu jkun limitat. Dan it-terminu għandu jkun rivedut fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 3.

Artikolu 5

↓ 3954/87 (adattat)

1. Sabiex ikun assigurat li l-livelli massimi permissibbli stabbiliti f'Annessi I ☒ u III ☒ iquisu kull informazzjoni xjentifika ġdida li tkun disponibbli, il-Kummissjoni għandha minn żmien għall-ieħor, tieħu l-opinjoni ta' esperti, magħdud il-Grupp ta' Esperti.

↓ 3954/87

2. Fuq talba ta' Stat Membru jew tal-Kummissjoni, il-livelli massimi permissibbli stabbiliti f'Anness I jistgħu jkunu riveduti jew miżjuda meta tintbagħat proposta mill-Kummissjoni lill-Kunsill skond il-proċedura tal-Artikolu 31 tat-Trattat.

Artikolu 6

1. Oġġetti tal-ikel u għalf li ma jkunux skond il-livelli massimi permissibbli stabbiliti f'Regolament adottat skond l-Artikoli 2 jew 3 m'għandhomx jitqiegħdu fis-suq.

Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, Oġġetti tal-ikel jew għalf importati minn pajjiżi terzi għandhom jitqiesu li tqiegħdu fis-suq jekk, fit-territorju tad-dwana tal-Komunità, dawn jgħaddu minn proċedura tad-dwana li ma tkunx proċedura ta' passaġġ.

↓ 3954/87

2. Kull Stat Membru għandu jagħti lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, partikolarment każi fejn ma jitħarsux il-livelli massimi permissibbli. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi dik l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra.

↓ 944/89 Art. 1 (adattat)

☒ Artikolu 7 ☒

☒ 1. ☒ Lista ta' oġġetti tal-ikel ta' importanza minuri hija mniżżla f'Anness II.

↓ 944/89 Art. 2 (adattat)

☒ 2. ☒ Għall-oġġetti tal-ikel ta' importanza minuri stabbiliti f'Anness II, il-livelli massimi permessi li għandhom jiġu applikati huwa 10 darbiet dawk li japplikaw għall-"oġġetti oħra tal-ikel għajr l-oġġetti tal-ikel ta' importanza minuri" ffissati f'Anness I jew skond ir-Regolamenti adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 3.

↓ 2218/89 Art. 2 (adattat)

Artikolu 8

Regoli għal [X] implementazzjoni [X] ta' dan ir-Regolament, [X] [X] lista ta' oġetti ta' ikel minuri [X] stabbiliti fl-Anness II [X] flimkien ma' livelli massimi li għandhom ikunu applikati għalihom, u l-livelli massimi permessi għall-għalf [X] stabbiliti fl-Anness III għandhom jiġu [X] adottati skond il-proċedura [X] imsemmija [X] fl-Artikolu [X] 195(2) [X] tar-Regolament [X] tal-Kunsill [X] (KE) Nru [X] 1234/2007¹⁷ [X], li għandu japplika b'analoġija. Għal dan il-għan [X] il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn [X] Kumitat *ad hoc*.

↓

Artikolu 9

Ir-Regolament (Euratom) Nru 3954/87 u Regolamenti tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 944/89 u Nru 770/90 huma mħassra.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftehm u bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness V.

↓ 3954/87 (adattat)

Artikolu 10

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-[X] għoxrin [X] jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, [...]

Għall-Kunsill
Il-President
[...]

¹⁷ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

ANNESS I

LIVELLI MASSIMI PERMISSIBBLI GĦAL OĠĠETTI TAL-IKEL (Bq/Kg)

	Oġġetti tal-ikel ¹⁸			
	Ikel tat-trabi ¹⁹	Prodotti tal-ħalib ²⁰	Oġġetti oħra tal-ikel ħlief oġġetti minuri tal-ikel ²¹	Oġġetti likwidi tal-ikel ²²
Iżotopi ta' strontium, l-aktar Sr-90	75	125	750	125
Iżotopi tal-jodju, l-aktar I-131	150	500	2 000	500
Iżotopi ta' elementi tal-plutonju u tat-trans-plutonjuli jarmu-Alpha, l-aktar Pu-239, Am-241	1	20	80	20
In-nuklidi l-oħra kollha li għandhom nofs ħajja akbar minn 10t'ijiem, l-aktar Cs-134, Cs-137 ²³	400	1 000	1 250	1 000

¹⁸ Il-livell applikabbli għal prodotti konċentrati jew imnixxa huma ikkalkulati fuq il-bażi tal-prodott rikostitwit bħala lest għal konsum. Stati Membri jistgħu wkoll jagħmlu rakkomandazzjonijiet li jikkonċernaw il-kondizzjonijiet ta' tidwib sabiex ikunu assigurati li l-livelli massimi permissibbli stabbiliti f'dan ir-Regolament ikunu osservati.

¹⁹ Ikel tat-trabi hu definit bħala daww l-oġġetti tal-ikel intenzjonati għat-tmiġ tat-tfal żgħar matul l-ewwel erba' sa sitt xhur tal-ħajja, li jilhq, fihom infushom, il-ħtiġijiet nutrizzjonali ta' din il-kategorija ta' persuna u li jkunu mqiegħda għal bejgħ bl-imnut f'pakketti li jkunu ċarament identifikabbli u bit-tikketta «preparazzjoni ta' ikel għat-trabi».

²⁰ ~~Prodotti~~ mill-ħalib huma definiti bħala daww il-prodotti li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM li ġejjin, inklużi, fejn xieraq, kwalunkwe aġġustamenti li jistgħu isirulhom aktar tard: 0401, 0402(ħlief 0402 29 11).

²¹ Oġġetti minuri tal-ikel u livelli korrispondenti li jiġu applikati lilhom ☒ huma ☒ definiti skond l-Artikolu 8.

²² Oġġetti tal-ikel likwidi kif definiti fl-intestatura 2009 u f'kapitolu 22 tan-nomeniklatura magħquda. Valuri huma kalkulati billi jittieħed akkont tal-konsum tal-ilma tal-vit u l-istess valuri għandhom ikunu applikati għal fornizzjoni ta' ilma tax-xorb fid-diskrezzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri.

²³ Karbon 14, tritju u potassa 40 ma humiex inklużi f'dan il-grupp.

ANNESS II

LISTA TA' OĠĠETTI TAL-IKEL TA' IMPORTANZA MINURI

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
0703 20 00	It-tewm (frisk jew imkessaħ)
0709 ☒ 59 50 ☒	It-tartuf (faqqiegħ) (frisk jew imkessaħ)
0709 90 40	Il-kappar (frisk jew imkessaħ)
0711 ☒ 90 70 ☒	Il-kappar (ippriservat proviżorjament, imma mhux tajjeb għall-konsum immedjat f'dan l-istat)
☒ ex ☒ 0712 ☒ 39 ☒ 00	It-tartuf (faqqiegħ) (imnixxef, sħiħ, imqatta', imfellel, imfarrak jew fi trab, imma mhux imħejji iktar)
0714	Il-kassava, l-ararut, id-dqiq tal-ararut, il-qaqoċċ ta' Ġerusalemm, il-patata ħelwa u għeruq u tuberi simili b'kontenut għoli tal-lamtu jew tal-inulin, friski jew imqadda, sew jekk imfella u sew jekk le jew fil-għamla ta' boċċi; il-laħam tas-sagu
0814 00 00	Il-qoxra tal-frott taċ-ċitru jew tal-bettiħ (inkluż id-dulliegħ), friska, iffriżata, imqadda jew proviżorjament ippriservata fis-salmura, fl-ilma bil-kubrit jew f'xi soluzzjoni priservattiva oħra
0903 00 00	Il-Maté
0904	Il-bżar tar-razza <i>Piper</i> ; il-frott niexef jew mgħaffeġ tar-razza <i>Capricum</i> jew tar-razza <i>Pimenta</i>
0905 00 00	Il-Vanilla
0906	Il-kannella u l-fjuri tas-siġra tal-kannella
0907 00 00	It-tewm (sħiħ, snien jew aħdar)
0908	In-noċimuskata, il-qoxra ta' barra tan-noċimuskata u l-kardamonju
0909	Iż-żerriegħa tal-aniz, il-badjan, il-bużbież, il-kosbor, il-kemmun jew il-ħlewwa; il-kukku tal-Għorghaes
0910	Iż-żinżel, iż-żagħfran, it-turmeriku (kurkuma), is-sagħtar, il-weraq tar-rand, il-curry u hwawar oħra

1106 20	Id-dqiq, is-smid u t-trab tas-sagu, jew tal-għeruq jew tat-tuberi tal-intestatura Nru 0714
1108 14 00	Il-lamtu tal-kassava (Manioc)
1210	Il-koni tal-ħopp, friski jew imqadda, sew jekk mitħuna u sew jekk le, f'għamla ta' trab jew f'gerbub; il-lupulin
1211	Pjanti u partijiet ta' pjanti (inklużi ż-żrieragħ u l-frott), tat-tip użati primarjament fil-perfumerija, fil-farmaċija jew fl-insettiċidi, fil-funġiċidi jew għal skopijiet simili, friski jew imqadda, sew jekk imqatta' u sew jekk le, misħuqa jew mitħuna
1301	Il-gommalakka; il-gomma naturali, it-teżini, it-teżini tal-gomma u ☒ oleoreżini (eżempju, ☒ balsamiċi
1302	Is-sugu u l-estratti tal-ħxejjex tal-ikel; is-sustanzi pektiċi, pektinati u pektati; l-agar-agar u l-mucillaġni u materjal ieħor li jgħaqqad, sew jekk modifikat u sew jekk le, derivati minn prodotti tal-ħxejjex tal-ikel
1504	Ix-xaħmijiet u ż-żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, ta' ħut jew ta' mammali marini, sew jekk raffinati u sew jekk le, imma mhux modifikati kimikament
1604 30	Il-kavjar u s-sostituti tal-kavjar
1801 00 00	Iż-żerriegħa tal-kawkaw, sħiħa jew imfarrka, nejja jew inkaljata
1802 00 00	Il-qoxra tal-kawkaw, il-qoxra ta' barra, il-ħliefa jew ħela ieħor tal-kawkaw
1803	Il-pejst tal-kawkaw/kokotina, sew jekk bix-xaħam u sew jekk le
2003 20 00	It-tartuf (faqqiegħ) (imħejji jew ippriservat għajr milli fil-hall jew fl-aċidu aċetiku)
2006 00	Il-☒ ħaxix, ☒ frott, il-ġewż, il-qoxra tal-ġewż u partijiet oħra tal-pjanti, ippriservati biz-zokkor (bl-ilma mneħħi, miksija biz-zokkor maħlul jew ikkristalizzati)
2102	Il-ħmira (attiva jew inattiva); u mikroorganiżmi oħra ta' ċellula waħda, mejta (imma ma jinkludux vaċċini tal-intestatura Nru 3002); baking powder imħejji
2936	Il-provitamini u l-vitamini, naturali jew riprodotti b'sintesi (inklużi l-konċentrati naturali), id-derivattivi tagħhom użati primarjament bħala vitamini, u taħlitiet ta' dawn l-imsemmija, sew jekk f'xi solventi u sew jekk le

3301

Iż-żjut essenzjali (sewwa jekk mingħajr terpentini u sewwa jekk le), inklużi l-konkrete u l-assoluti; ir-reżinojdi, ☒ l-oleoresin estratti; ☒ il-konċentrati ta' żjut essenzjali f'xaħmijiet, jew fi żjut li jgħaqqdu, f'xama' u simili, miksuba b'infloraġġ jew bil-maċerazzjoni; il-prodotti sekondarji terpeniċi mid-deterpenazzjoni taż-żjut essenzjali, id-distillati akwei u s-soluzzjonijiet akwei taż-żjut essenzjali.

↓ 770/90 Art. 1 u Anness
(adattat)

ANNESS III

**⊠ LIVELLI MASSIMI PERMESSI TA' KONTAMINAZZJONI RADJOATTIVA
(KASJU 134 U KASJU 137) FL-OĠĠETTI TAL-IKEL ⊠**

Annimali	Bq/kg ^{24 25}
Qżieqeż	1 250
Tjur, ħrief, għoġla	2 500
Oħrajn	5 000

²⁴ Dawn il-livelli huma intenzjonali li jikkontribwixxu għall-osservanza tal-livelli massimi permessi għall-ġhalf, waħedhom ma jiggarrantixxux din l-osservanza fiċ-ċirkostanzi kollha u ma jnaqqisux il-ħtieġa għal sorveljanza tal-livelli ta' kontaminazzjoni fi prodotti li jkunu ġejjin mill-annimali destinati għall-konsum mill-bnedmin.

²⁵ Dawn il-livelli japplikaw għal ġhalf li jkun lest għall-konsum.



ANNEX IV

Regolamenti mħassra

Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 3954/87	(ĠU L 371, 30.12.1987, p. 11)
Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 2218/89	(ĠU L 211, 22.7.1989, p. 1)
Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 944/89	(ĠU L 101, 13.4.1989, p. 17)
Regolament tal- Kummissjoni (Euratom) Nru 770/90	(ĠU L 83, 30.3.1990, p. 78)

ANNEX V

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Regolament (Euratom) Nru 3954/87	Regolament (Euratom) Nru 944/89	Regolament (Euratom) Nru 770/90	Dan ir-Regolament
Artikoli 1 sa 5			Artikoli 1 sa 5
Artikolu 6(1) l-ewwel u t-tieni sentenza			Artikolu 6(1) l-ewwel u t-tieni subparagrafu
Artikolu 6(2)	Artikolu 1		Artikolu 6(2)
	Artikolu 2		Artikolu 7(1)
		Artikolu 1	Anness II
Artikolu 7			Artikolu 2(1)
-	-	-	Artikolu 8
Artikolu 8			Artikolu 9
Anness	Anness		Artikolu 10
		Anness	Anness I
-	-	-	Anness II
-	-	-	Anness III
			Anness IV
			Anness V